# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Dicembru 2018**

**Rikors Numru : 158/2012 JPG**
**Kawza Numru : 2**

**Cassar Fuels Ltd (C 28453)**
**vs**
**Alpha Trading SpA (kumpanija estera registrata gewwa l-Italja)**
**U b'digriet tat-23 ta'Gunju 2016, fejn gie kjamat in kawza l-bastiment MV Blue Rose**

Il-Qorti ,

Rat ir-rikors mahluf minn Mark Cassar ghas-socjeta' rikorrenti Cassar Fuels Limited tal-15 ta' Frar 2012 illi jaqra hekk :

1. *"Jiena ghandi r-rapprentanza guridika tas-socjeta' rikorrenti.*

2. *Illi fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru 2011 is-socjeta' rikorrenti bieghet u debitament ikkonsenjat lill-vapur 'm/v Blue Rose', fuq ordni tas-socjeta' intimata, kwantita' ta' fuel oil ghall-prezz ta' mitejn u sitta u sittin elf dollaru $266,000 (kopja tal-ordni, tal-konferma tal-ordni u tal-konferma*

*tal-konsenja (bunker delivery note 017 291) hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A', Dok. 'B' u Dok.C rispettivament).*

3. *Dan il-prezz gie ridott ghal mitejn tlieta u tletin elf, tlett mija u tmien dollaru u sittin centemu ($233,308.60), illum ekwivalenti ghal* ***mija u sebgha u sebghin elf, mija u hamsa u sittin Euro (€177,165)*** *stante li l-fuel oil in kwistjoni kellu ammont ta' ilma fih (kopja tal-fattura relattiva hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'D').*

4. *Illi ghalhekk s-socjeta' intimata ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma totali ta'* ***mija u sebgha u sebghin elf, mija u hamsa u sittin Euro (€177,165)*** *skond 1- imsemmija fattura (Dok. 'D').*

5. *Illi s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmi ammont, anke permezz ta' ittra interpellatorja datata l-hamsa (5) ta' Jannar 2012, (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok 'E'), izda baqghet inadempjenti.*

6. *Illi 1-ammont dovut favur is-socjeta' rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti s-socjeta' intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta' intimata, ghaliex dina 1- Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

1) *Tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-* ***Artikoli 167 sa 170*** *tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*

2) *Tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha taghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta'* ***mija u sebgha u sebghin elf, mija u hamsa u sittin Euro (€177,165),*** *u dana oltre l-imghaxijiet kummerjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*
3) *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta'* ***mija u sebgha u sebghin elf, mija u hamsa u sittin Euro (€177,165),*** *u dana oltre l-imghaxijiet kummerjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*B1-ispejjez kollha, ink1uzi l-ispejjez tal-ittra legali datata 1-hamsa (5) ta' Jannar 2012 u bl-imghaxijiet kummerjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra 1-istess socjeta intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh kienu debitament notifikati skond il-ligi;

Rat Risposta Guramentata tas-socjeta' konvenuta Alpha Trading SpA u l-Avv Hugh Peralta u l-Avv Larry J. Gauci bhala mandatarji specjali taghha tat-12 ta' Novembru 2012, ( a fol 105) li taqra hekk:

1. *"Illi in linea preliminari, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti billi a tenur tal-artikolu 16(2) u l-artikolu 7(4) tal- General Terms and Conditions tas-socjeta' rikorrenti (Gia esebit fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012), kwalunkwe vertenza relatata ma' nuqqas ta' kwalita' tal-prodotti fornuti mis-socjeta'rikorrenti ghandha tigi risolta "through the offices and methods contemplated by the Malta International Arbitration Centre in terms of the Arbitration Act 1996", liema General Terms and Conditions gew inkorporati fil-Letter of Confirmation ("All Bunker deliveries are within Cassar Fuel Ltd Terms and Conditions") (Kopja hawn annessa u mmarkat bhala Dok "A" ) li permezz taghha s-socjeta' rikorrenti ntrabtet li tbiegh u tforni lill-bastiment M/V Blue Rose kwantita' ta' fuel oil versu l-prezz u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet ohra hemm stipulati. Jigi bir-rispett sottomess illi ghalhckk din 1-Qorti ghandha twaqqaf dawn il-*

*proceduri a tenur tal-artikolu 742(3) tal-Kap. 12 kif ukoll l-artikolu 8 tat-Model Law on International Commercial Arbitration illum parti mill-ligi nostrana (Kap. 387 - l-ewwel Skeda);*

2. *Illi subordinatement u minghajr pregudzzju ghas-suesspost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana ghaliex is-socjeta' attrici ma onoratx l-obbligi kontrattwali taghha;*

3. *Illi a tenur tal-bunker supplier nomination order datata 14 ta' Ottubru 2011 (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "B"), is-socjeta' intimata ngaggat lis-socjeta' attrici sabex tissupplixxi lill-bastiment M/V Blue Rose b' 400 tunnellata ta' fuel oil maghruf bhala 'IF0 380 CST" versu l-prezz ta' USD$ 665.00 ghall kull tunellata. Il-fornitura tal-fuel oil lill-imsemmi bastiment saret hawn Malta fl- 20 ta' Ottubru 2011 permezz tal- barge M/T Karol Wojtyla (IMO No. 9016454) bastiment proprejta' tas-socjeta' attrici hekk kif jirrizulta mill-bunker delivery note (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "C"). Waqt il-fornitura kienu wkoll ittiehdu samples skond ir-regolament 14(1) jew (4)(a) u r-regolament 18(1) tat-Annex tal-Marpol Convention 73/78 liema samples gew ennumerati b' seal numbers 0018485 (Marpol Annex VI ritenut mill-bastiment); 0018486 (ritenut mill-bastiment); u 0018487 (ritenut minn Cassar Fuels Ltd) flimkien ma' 0018488 (ritenut wkoll minn Cassar Fuels Ltd) kif jirrizulta mill-bunker delivery note (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "C"). Kull sample jigi issiggilat fil-presenza tal-membri tal-ekwipagg tal-bastiment fornit u tat-barge li supplixxiet il-fuel oil.*

4. *Illi fis- 27 ta' Ottubru 2011 meta l-bastiment M/V Blue Rose kien ghadu Malta jhott it-merkanzija, il-managers tieghu, Bernhard Shulte Shipmanagement (BSS) ta' Cipru, ircevew fuel alert fir-rigward tal-fuel oil li kien gie supplit lill-bastiment mis-socjeta' attrici minhabba kwantita kbira ta' ilma fil-kontenut tal-fuel oil fornit. Il-managers mill-ewwel infurmaw lill-armaturi tal-bastiment, Ace Tankers C.V. ibbazati fl'Olanda,*

*u dawn infurmaw lis-socjeta' intimata. ls-socjeta' intimata fis-27 ta' Ottubru 2011 permezz ta' e-mail (hawn annessa u mmarkata bhala dok "D") infurmat lill-Cassar Fuels Ltd dwar dan in-nuqqas ta' kwalita'.*

5. *lIli s-socjeta' intimata insistiet diversi drabi mas-socjeta' rikorrenti sabiex issir "contradictory analysis" minn kumpannija independenti fuq is-samples ritenut mill-bastiment, u s-samples ritenut mill-barge li s-supplixxiet il-fuel oil in kwistjoni izda s-socjeta' rikorrenti baqghet tinsisti li l-analysis kellu jsir biss fuq is-sample ritenut mill-barge li supplixxiet it-fuel oil u r-rizultat kellu jkun finali u jorbot liz-zewg partijiet. Wara diversi tentattivi s-socjeta' attrici qablet li kemm is-samples tal-bastiment fornit kif wkoll is-samples tal-barge jittiehdu ghal-contradictory analysis.*

6. *Illi s-socjeta' intimata fuq istruzzjonijiet tar-rapprezentant tal-P&I Club tal-bastiment fornit ngaggaw lis-socjeta' lnspectorate Malta Ltd sabiex jaghmlu analysis fuq s-samples ritenuti mill-bastiment. Il-contradictory analysis li sar fuq kampjun 001846 (kampjun tal-bastiment fornit) u kampjun 0018487 (kampjun tas-socjeta' attrici) ta rizuttati opposti fis-sens li fil-waqt li l' analizi li saret fuq kumpjun 001846 tghat rizultat off-spec, it-test li sar fuq kampjun 0018487 ta rizultat on-spec (Kopja tac-certifikati hawn annessa u mmarkati bhala Dok "E" u Dok "F").*

7. *Illi fit-28 ta' Ottubru 2011 rapprezentant tas-socjeta' attrici kien informat lis-socjeta' attrici permezz ta' email (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "G" ) li jiehdu l-fuel oil lura u jerghu jissupplixu lill-bastiment b' fuel oil gdid. Fl-email qallu wkoll li 1-unika problema kienet it-temp hazin li kien jimppeddixi lis-socjeta' attrici mill-taghmel kwalunkwe operazzjonijiet ta' de-bunker u/jew bunker u, fil-fatt, spicca l-email tieghu hekk "for the time being, we can presume that the de-bunkers and bunkers can be performed earliest next Monday agw + wp"). ls-socjeta' intimata qablet ma din il-proposta u permezz ta' email datata (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "G" ) ikkonfermat "Ok noted. Pls arrange asap". ls-socjeta' attrici rrispondiet lura billi qalet "Thanks a lot. So it seems that*

*problem is solved. We shall speak again next Monday to organize both operations" (kopja tal-email hawn annessa u mmarkata bhala Dok "H").*

8. *Illi fil-frattempt l-armaturi /operaturi tal-bastiment infurmaw lis-socjeta' intimata li jekk l-operazzjonijiet ta' debunkering issir it-tnejn (31 ta' Ottubru 2011) dan kien se jikkawza "too much delay to our vessel and unacceptable distortion to her future loading schedule" hekk kif jirrizulta minn email ta' Ace Tankers C.V. datata 28 ta' Ottubru 2011 (kopja ta' email hawn annessa u mmarkata bhala Dok "I") u ghalhekk talbu lis-socjeta' intimata sabiex l-operazzjonijiet ta' debunker u rebunkering issir kemm jista jkun malajr, jew dak inhar stess jew l-aktar tard l-Hadd (30 ta' Ottubru 2011).*

9. *Illi l-Hadd 30 ta' Ottubru 2011 is-socjeta' attrici nfurmat lis-socjeta' intimata li 1-maltemp kien mistenni jdum sal-Hamis 4 ta' Novembru 2011. Fuq istruzzjonijiet tal-armaturi / operaturi tal-bastiment, is-socjeta'intimata permezz ta' email datata 30 ta' Ottubru 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "J") infurmaw lis-socjeta' attrici u partijiet ohra, fosthom lill-agenti taghhom hawn Malta, Messrs. Wilhelmsen Ship Services (Malta) Ltd., li l-bastiment ma setax jistenna sal-Hamis ghax kien jitlef il-laycan fil-port sussegwenti u ghalhekk jitlef vjagg u b'konsegwenza tali dewmien kien se jikkawza danni u telf finanzjarju kbir lill-armaturi /operaturi tal-bastiment.*

10. *Illi wara skambji ta' diversi emails bejn is-socjeta' intimata u s-socjeta attrici, fil-31 ta' Ottubru 2011 is-socjeta attrici permezz ta' email (kopja hawn annessa u mmarkata Dok "K" ) nfurmat lis-socjeta' intimata li l-operazzjonijiet ta' debunkering u bunkering setghu jsiru fis-segwenti portijiet "BCN [Barcelona] /Gibraltar / Las Palmas" bil-probabbilita' li dawn l-operazzjonijiet issiru fl-port fl-Las Palmas. L-armaturi tal-bastiment infurmaw lis-socjeta' intimata li l-bastiment kien fi triqtu lejn Barcelona u taghwhom wkoll d-detalji tal-agenti taghhom f'dan il-port.*

11. *Illi meta s-socjeta' intimata infurmat b'dan lis-socjeta' attrici din infurmathom permezz ta' email (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "L" ) li "Barcelona is no go, as it is quite prompt. Other option is in Las Palmas. Pls advise". L-agenti tal-bastiment f'Barcelona infurmaw lill-partijiet li CEPSA kienu lesti li jaghmlu l-operazzjonijiet fit 3 ta' Novembru 2011. Izda s-socjeta attrici rrifjutat din il-proposta u infurmat lill-partijiet li kienu se jiehdu hsieb 1-arrangamenti tal-operazzjoni ta' debunkering huwa stess hekk kif jirrizulta minn email mibghuta mis-socjeta' attrici datata 31 ta' Ottubru 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "M").*

12. *Illi fil-frattempt u kwazi xahar wara li 1-bastiment kien lest biex issalpa mill-kosta Afrikana fejn kien qed jhott il-merkanzija u peress li l-vjagg susessegwenti kien ghadu mhux maghruf kienx possibli li l-bastiment jipprocedi lejn Gibilta sabiex fi triqtu jghaddi qrib Las Palmas fejn setghu issiru l-operazzjonijiet ta' de-bunkering u bunkering. lzda, meta is-socjeta' attrici giet mitluba sabiex tikkonferma l-arrangamenti dwar l-operazzjoni ta' debunkering din qalet permezz ta' email datata 02 ta' Dicembru 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "N") — u wkoll kuntrarjament ghal dak li qalet precedentement — "We are agreeing to solve this matter by de-bunkering the vessel in Malta. Since we operate from Malta, it is much easier to handle such operation" u sostniet wkoll li "we are making it clear that after de-bunkering, this case will be closed without any other claims for any damages, demurrages etc".*

13. *Illi gialadarba is-socjeta' attrici marret lura mill-kelma taghha u kisret il-ftehim li kien intlahhaq bejn il-partijiet sa dak iz-zmien abbazi ta' emails skambjati, liema ftehim kien jikkontempla li d-debunkering operation kellha issir f'port barra minn Malta skond l-arrangamenti tas-socjeta' attrici, il-parti konvenuta u dawk assocjati maghha ma kellhomx ghazla ohra hlief li jiddisponu mill-fuel oil li kien ghadu abbord billi jaghmlu l-arrangamenti neccessarji f'port li kien fir-rotta tal-bastiment, minhabba li dan il-fuel oil kien qieghed jimpeddixxi lill armaturi/operaturi tal-*

*bastiment mill jkomplu jippjanaw vjaggi futuri u ghalhekk kien qieghed jaffetwa hazin l-introjtu tal-bastiment.*

14. *Illi ghall kull buon fini u trasparenza 1-armaturi / operaturi tal-bastiment fid- 9 ta' Dicembru 2011 kienu wkoll infurmaw lis-socjeta' attrici permezz ta' email (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "O" ) li ma kienx possibli l-bastiment jigi Malta sabiex issir l-operazzjonijiet ta' debunkering minhabba "short notice" u nnfurmawhom wkoll "As you can imagine the 400mts off specs fuel hinders an effective planning of supply for the near future". Eventwalment kien sar l-arrangament necessarji mis-socjeta' intimata sabiex l-operazzjoni ta' debunkering issir Gibilta fejn il-fuel oil in kwistjoni gie off-loaded bhala sludge. Dan kollu sar bi spejjez tas-socjeta' intimata li barra minn dawn l-ispejjez li nkorriet minhabba din l-operazzjoni u zmien zejjed u dewmien tilfet wkoll il-klijient / xoghol iehor.*

15. *Illi mill-premess ghalhekk ghandu jkun ovvju anke meta wiehed jiehu n konsiderazzjoni li fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici din ammettiet li l-fuel oil supplit kien fih kwantita ta' ilma u arbitrarjament irriduciet il-prezz tal-fuel oil b'13% wara li unilaterament u arbitrarjament ikkalkulat li l-percentagg ta' ilma fil-fuel oil supplit minnha kien jammonta ghall 13% (kopja tal-fattura originali datata 20 ta' Ottubru 2011 hawn annessa u mmarkata bhala Dok "P") — li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-prodott supplit mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' pattwita billi ma kienx konformi mall-International Specifications (ISO 8217 Fuel Standard Fourth Edition 2010 — RMG 380) u inoltre kien prodott li qatt ma setgha jintuza ghall iskop li ghalih kien inxtara minghajr ma jikkawza danni kbar u serji lill-magni tal-bastiment.*

16. *Illi ghal kull buon fini jinghadd li s-socjeta' attrici ssupplixiet wkoll lill-bastiment M/V Blue Rose 60 metru kubu ta' Gas Oil permezz tas-supply barge M/T Sacro Cuor 1 (IMO No. 7438115) — proprejta' u/jew operata tas-socjeta attrici liema fornitura ma hijiex in kwistjoni u l-fattura relativa' ghal din il-fornitura giet saldata mis-socjeta' intimata.*

17. *Illi ghalhekk f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.*

*Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi u b' talba ghad-danni.*

*Bl-ispejjes kontra s-socjeta' rikorrenti"*

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Alpha Trading SpA tal-14 ta' Frar 2013 (a fol. 208 et seq);

Rat id-decizjoni taghha tat-30 ta' Mejju 2013 (a fol. 242 et seq.);

Rat id-decizjoni taghha tat-23 ta' Gunju 2016 (a fol. 495 et seq.);

Rat ir-risposta guramentata ta' MT Blue Rose datata 14 ta' Novembru 2016, a fol 525 li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, l-Qrati Maltin m'ghandhomx il-gurisdizzjoni mehtiega biex jiehdu konjizzjoni tal-azzjoni attrici verso l-bastiment billi din hija azzjoni in rem migjuba kontra l-istess bastiment intimat u r-rekwiziti necessarji u kontemplati fl-Artikolu 742D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll dawn mnisslin fid-dispozizzjonijiet ta' Kap.234 tal-Ligijiet ta' Malta m'humiex sodisfatti. Dan billi "l-persuna risponsabbli in personam versu s-socjeta' attrici" (cioe' m'huwiex ir-relevant person) certament m'huwiex is-sid jew is-sid beneficjarju jew in-noleggatur taht il-bareboat charter tal-vapur, kif jirrikjedi l-imsemmi* **artikolu 742D** *ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea preliminari ukoll, il-bastiment intimat m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-bastiment intimat u/ s-sid u/jew l-armaturi m'ghandhom ebda relazzjoni kuntrattwali jew guridika mas-socjeta' rikorrenti peress illi Ace Tankers C.V. (li kienu t-*

*time charterers tal-bastiment intimat fis-sena 2011) ordnaw bunkers minghand NSG Overseas Ltd (socjeta li tifforma parti mill-North Sea Group) sabiex dawn jigu fornuti lil bastiment intimat gewwa Malta. Sussegwentament, din l-istess socjeta' tal-ahhar ikkuntrattat f'isimha proprju lis-socjeta konvenuta Alpha Trading SpA ghall-provvista tal-istess ammont ta' bunkers, liema socjeta' wara dahlet f'kuntratt f'isimha proprju mas-socejta' rikorrenti ghall-provvista tal-istess bunkers li gew fizikament fornuti mill-bastiment tas-socjeta' rikorrenti, Karol Wojtyla (IMO Nru 9016454), lil bastiment intimat MV Blue Rose (IMO numru 933915) hawn Malta fl-20 ta' Ottubru 2011.*

3. *Illi l-kuntratt ta' bejgh bejn is-socjeta' rikorrenti u s-socjeta' ntimata Alpha Trading SpA huwa res inter alios acta bejn il-partijiet tal-istess kuntratt ghaldaqstant dan il-kuntratt jorbot* ***BISS*** *lill-partijiet imsemmija fih u ma ghandu l-ebda forza fuq kwalunkwe terz iehor ikluz l-bastiment intimat u/jew is-sid tieghu, u dan ai termini ta' Artikolu 1001 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Illi l-esponenti tichad u tirrifjuta kategorikament bhala nfondata l-allegazzjoni tas-socjeta' rikorrenti li l-bastiment intimat u/jew is-sidien tieghu qatt accettaw li jkunu jew li huma b'xi mod marbutin bl-istandard and conditions tal-istess Cassar Fuels Limited.*

5. *Illi subordinarjament u fil-meritu, t-talbiet attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

6. *Illi ghal kull buon fini qed jinghad ukoll li l-prodott li gie fornut lill-bastiment intimat fl-20 ta' Ottubru 2011, u limitament fir-rigward l-400 tunnellata ta' fuel oil, ma kienx tal-kwalita' mitluba jew/u accettabbli u cioe' kienu off-spec.*

7. *Illi qed jigi ddikjarat ukoll ghall kull li s-sidien u/jew l-armaturi tal-bastiment diga' halsu lil NSG Overseas Ltd ghall-provvista tal-400 tunnellata ta' fuel oil in kwistjoni, kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-*

*kawza u ghaldaqstant jkun xejn inqas minn ingustizzja sostanzjali jekk dina l-Onorabbli Qorti b'xi mod tordna l-bastiment intimat biex terga' thallas ghall-istess bunkers.*

8. *Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost, fl-ahharnett tecipixxi ukoll li s-socjeta' rikorrenti stess fir-rikors promotur taghha qedgha biss tippretendi l-hlas tas-somma mitluba minghand is-socjeta konvenuta Alpha Trading SpA u mhux minghand il-bastiment intimat, hekk kif jidher car mill-kawzali/talbiet tar-rikorrenti stess li huma limitati ghall-hlas minghand is-socjeta' konvenuta u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti hija marbuta strettament bil-kawzali/talbiet rikorrenti.*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tal-15 t'Ottubru 2014, fejn innominat lil Dr. Michael Camilleri bhala Assitent Gudizzjarju (a fol. 290 et seq.);

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrent Cassar Fuels Ltd u l-bastiment kjamat in kawza m/v Blue Rose.

Rat illi minkejja li giet moghtija terminu u anke estensjoni, is-socjeta ntimata baqghat ma prezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Daren Marmara,** Chief Executive Officer tas-socjeta rikorrenti, xehed a fol 256 *et seqq* illi s-socjeta rikorrenti kienet issupliet *gas oil* u *fuel oil* lis-socjeta ntimata, u kienet inqaghlat kwistjoni rigward il-*fuel oil* ghaliex kien hemm allegazzjoni illi dan kien fih ammont ta' ilma. Qal illi ghalhekk l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti jirrefletti l-ammont dovut wara t-tnaqqis li kellu jsir biex jirrifletti dan. B'referenza

ghal fol 10, xehed illi l-ammont indikat f'dan id-dokument ma jirriflettix it-tnaqqis imsemmi ghaliex din kien harget qabel ma' saret il-*claim* rgiward l-ilma fiz-zejt. Fir-rigward tal-*gas oil* xehed illi dan kien thallas u li ghalhekk il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti tirrigwarda biss il-hlas dovut ghal *fuel oil.* Qal li s-sid tal-vapur kienu Lays Tankers u ic-*charter* kien ta' Bernard Shult.

Spjega li meta saret il-*claim* kienu ghamlu l-verifiki necessarji u rrizulta li l-ammont ta' ilma fiz-zejt kien ta' 0.3% li kien ghalhekk anqas mill-limitu acettabbli ta' 0.5%. Qal illi pero, r-rizultat tat-test li sar mis-socjeta ntimata kien jindika li l-kwantita ta' ilma li kien hemm fiz-zejt kienet fl-ammont ta' 18%. Xehed illi l-kampjun kien ittiehed mill-bastiment Blue Rose stess, izda apparti minn hekk, dejjem jittiehed ukoll kampjun waqt li jkun ghaddejn il-*bunkering.* Zied illi l-kampjuni gew ezaminati minn Inspectorate Malta, li hija l-branka lokali ta' kumpanija internazzjonali. Xehed illi skont it-termini u l-kondizjonijiet setghu jieqfu hemm, peress illi dawn ir-rizultati kellhom ikunu finali, pero peress illi s-socjeta ntimata hija klijenta regolari tas-socjeta rikorrenti, kienu saru xi testijiet ohra. Qal illi mill-kampjuni li kien ittiehdu minn fuq il-valur kien juru persentagg ta' ilma ta' 18% filwaqt illi kampjun iehor li kien ttestjat minn Zwol Lab wera persentagg ta' ilma ta' 12.29%. Qal ukoll illi r-rapport ta' Viswa Lab kien irrakkomanda illi jinghata cans lill prodott li jissetilja sabiex ikun l-ilma jkun jista' jigu skolat. Xehed illi huma kien pruvaw joffru soluzzjonijiet lis-socjeta ntimata, inkluz li jsir *debunkering*, li pero mbaghad rrizulta li dan ma setghax isir minhabba l-maltemp. Xehed illi l-bastiment telaq u kif wasal Barcelona kienu qalilhom li kienu lesti li jsir id-*debunkering* hemmhekk, pero ghas-socjeta rikorrenti dan ma kienx possibli peress illi ma kienux inghataw pre-avviz bizzejjed. Qal illi ghalhekk sabiex jaraw kif ser isibu soluzzjoni, kienu anke tkellmu direttament mas-sidien tal-bastiment, izda dawn kienu qalulhom li kellhom jirrangaw direttament mas-socjeta ntimata.

Xehed ukoll permezz ta' **affidavit** a fol 275 *et seqq* illi l-unika ilment li kien sar mis-socjeta ntimata kien rigward il-kontenut tal-ilma li kellu l-*fuel oil*. Spjega li ghalhekk is-socjeta rikorrenti ma kienetx obbligata taghmel dan, kienet accettat ir-rizultat tal-ezami tal-kampjun li nzamm mill-bastiment bl-iskop li jakkomandaw lill-klijent, u kienu lesti li jiehdu dan il-*fuel oil* lura, u jergghu jissuplixxu *bunkers* ohra. Qal illi filfatt is-socjetajiet kontendenti kienu qablu illi d-*debunkering* isir hawn Malta u

tiehu hsiebu s-socjeta rikorrenti, u dan kif jirrizulta fil-korrispondenza in kwistjoni. Spjega li d-*debunkering* ma setghax isir sal-31 ta' Ottubru 2011 minhabba li kien il-maltemp. Ghalhekk is-socjeta ntimata kienet iddecediet illi l-bastiment jitlaq lejn Barcelona u d-*debunkering* isir hemmhekk, filwaqt li d-diskussjonijiet bejn il-partijiet kienu ghadhom ghaddejjin. Qal li l-intendiment kien ghadu illi s-socjeta rikorrenti tiehu hsieb id-*debunkering* anke peress illi kien ghada ma thallsitx ghall-*fuel oil* li kienet issuppliet u l-ftehim kien li kienet ser tithallas meta terga tissuplixxi l-bastiment bi *fuel* iehor filwaqt li tiehu dak originarjament suplit lura. Spjega li ghalhekk is-socjeta rikorrenti kienet esplorat il-possibilita li dan l-ezercizzju jsir Las Palmas, pero' dan il-ftehim qatt ma sehh. Qal illi ssusegwentement is-socjeta ntimata kienet tat struzzjonijiet lill-operaturi tal-bastiment sabiex jiddisponu mill-*bunkers* li kienet originarjament issupliet is-socjeta rikorrenti gewwa Gibilta, li kien in-*next port of call* wara Las Palmas, bhala *sludge*.

**In kontro-ezami** a fol 452 *et seqq* ikkonferma illi s-socjeta rikorrenti kienet offriet illi tforni *bunkers* kompletament godda meta kienet inqalghat il-kwistjoni tal-*bunkers off-spec*, u li din l-offerta kienet giet accettata. Ikkonferma wkoll illi s-socjeta rikorrenti kienet ipproponiet li l-ezercizzju jsir barra minn Malta meta ma kienx possibli jsir Malta minhabba l-maltemp. Qabel li kienu ssemmew tlett portijiet, u cioe Barcelona, Las Palmas u Gibilita, u qal li ta' Barcelona kellhom jirrifjutawha peress illi ma kienux inghataw pre-avviz bizzejjed. Innega li l-possibilita li l-operazzjoni ssir f'Barcelona kienet gie proposta waqt li l-bastiment kien ghadu Malta, u sahaq illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx inghatat bizzejjed pre-avviz biex tirranga ssib *sub-contractor* li jkun jista' jesegwixxi l-operazzjoni ghan-nom taghha. Qal li inizjalment il-partijiet kienu qablu l-bastiment jera jigi Malta sabiex isir l-ezercizzjoni msemmi, u dan fuq proposta tas-socjeta rikorrenti. Qal li lil ACE-Tankers kien kellhom direttament wara li ma setghax jintlahaq ftehim mas-socjeta ntimata, u zied illi ACE-Tankers kienet qalulhom li m'ghandhomx l-ebda diffikulta li tinstab soluzzjoni, u li l-bastiment imur lura Malta biex isir l-ezercizzju msemmi, l-aqwa li s-socjeta ntimata tkun involuta. Qal illi s-socjeta rikorrenti kienet sabet min kien lest li jixtri l-prodott li s-socjeta ntimata ma riedetx f'kull wiehed mill-portijiet imsemmija. Zied illi ma kienu saru l-ebda negozjati ta' prezzijiet, kien hemm sempliciment interess minn certu persuni.

Mistoqsi x'jifhem hu bi *claim* ufficjali spjega illi rapport ta' analizi ta' kampjun ta' *bunkers* jista' jghid hafna affarijiet, pero imbaghad issir *claim* fuq xi haga jew xi affarijiet specifici, li f'dan il-kaz kien il-kontenut tal-ilma biss.

**Sarah Cassar,** impjegata fis-*Sales Department* tas-socjeta rikorrenti, xehdet permezz ta' affidavit a fol 273 *et seqq* u kkonfermat u kkorrobat il-kontenut tal-affidavit ta' Darren Marmara.

Xehed permezz ta' affidavit iehor a fol 621 u tenniet illi ma kien hemm l-ebda ftehim illi d-*debunkering* isir gewwa Las Palmas, ghaliex is-socjeta rikorrenti kienet baqghat tinsisti illi dan l-ezercizzju isir Malta stess.

**In kontro-ezami** a fol 634 *et seqq* ikkonfermat illi s-socjeta rikorrenti irceviet l-ordinijiet tal-*bunkers* mis-socjeta ntimata, u specifikament minghand Lorenzo Buffoni. Mistoqsi minn kien indikat bhala l-kompratur tal-*bunkers* minn Buffoni wiegbet illi l-kompratur indikat kienet is-socjeta ntimata. Mistoqsija jekk tafx min hu Gia Paolo Gagiolo wiegbet illi huwa l-*manager* tas-socjeta ntimata. Mistoqsija jekk meta sarx l-ordni u l-konferma tal-ordni s-socjeta rikorrenti kelliex kuntatt ma xi socjeta ohra apparti s-socjeta ntimata wiegbet li le. Qablet illi s-socjeta ntimata hija *bunker trader,* u cioe persuna li tahdem bhala intermedjarja bejn is-sid ta' bastiment u l-fornitur tal-*bunkers*, u li s-socjeta rikorrenti hija l-fornitur fiziku tal-*bunkers*. Mistqosija tafx min huma North Sea Group wiegbet illi s-sid tal-bastiment intimat kien marru ghand NSG, li minn naha taghhom marru ghand is-socjeta ntimata, li mbaghad minn naha taghha ordnat il-*bunkers* necessarji minghand is-socjeta rikorrenti. Ikkonfermat illi qabel ma wasal il-bastiment Malta, s-socjeta rikorrenti ma kellha l-ebda kuntatt mas-sidien jew mac-*charterers* tal-bastiment.

**Roderick Camilleri** xehed a fol 279 *et seqq* illi huwa jahdem mal-agenzja Dimar li kienet l-agent ghall-*bunkers* li gew forniti lill-bastiment m/v Blue Rose. Spjega li Dimar kienet involuta minn x'din dahal il-bastiment hawn Malta sa x'hin gie fornit u telaq il-barra mit-territorju Malti. Xehed illi f'dan il-kaz, Dimar ma kienetx giet informata b'xi ilment minn naha tas-socjeta ntimata.

**In kontro-ezami** a fol 280 *et seqq* u mistqosi dwar r-relazzjoni ta' Dimar mas-socjeta rikorrenti, spjega illi principarjament huma jkunu agenti tal-*bunkers* tas-socjeta rikorrenti, u jigu appuntati permezz ta' ftehim bejn is-socjeta rikorrenti u s-sidien ikkoncernati.

**Dr. Matthew Brincat** xehed permezz ta' affidavit a fol 285 *et seqq* illi huwa kien l-avukat tal-fiducja tas-socjeta rikorrenti u kien involut fi skambju ta' korrispondenza fir-rigward ta' dan il-kaz, partikolarment meta s-socjeta ntimata kienet unilateralment iddeciediet illi tiddispondi mill-*bunkers* illi l-bastiment m/v Blue Rose kellu abbord. Spjega li s-socjetajiet kontendenti kienu qablu li s-socjeta rikorrenti kellha tiehu hsieb id-*debunkering,* li pero ma setghax isir sal-31 t'Ottubru il-ghaliex il-maltemp ma kienx jippermetti li ssir operazzjoni ta' *debunkering* u *bunkering.* Spjega li ghalhekk il-bastiment kien telaq lejn Barcelona waqt li l-partijiet kienu komplew bid-diskussjonijiet biex ikun jista' jsir il-*bunkering* u *debunkering* peress illi s-socjeta rikorrenti kienet ghada ma thallsitx ghal-*fuel oil* li kienet issupliet. Kompla li s-socjeta rikorrenti kienet anke ghamlet kuntatt dirett mas-sidien tal-bastiment u jidher illi intlahaq ftehim fis-sens illi meta l-bastiment ikun Malta jew lejn Malta ssir l-operazzjoni necessarja. Zied illi pero s-socjeta ntimata kienet iddecidiet unilateralment illi tiddisponi mill-*fuel oil.* Ikkonferma li l-unika ilment li kellha s-socjeta rikorrenti kien jirrigwarda l-kontenut tal-ilma li kellu l-*fuel oil*.

**Giampaolo Gargiulo,** *manager* fi hdan is-socjeta ntimata, xehed permezz ta' affidavit a fol 293 *et seqq* illi fid-19 ta' Ottubru 2011 is-socjeta ntimata kienet ikkuntrattat mas-socjeta rikorrenti sabiex tixtri 400 tunnellata metrika ta' *bunker oil* u 70 tunnellata materika ta' *gas oil* biex jigi provdut lill-bastiment m/v Blue Rose, li kien gie kkonsenjat lill-bastiment fl-20 t'Ottubru 2011. Spjega illi fis-27 ta' Ottubru 2011 fuq struzzjoniet tas-socjeta ntimata, Viswalab kien wettaq l-ewwel analizi fuq il-prodott provdut mis-socjeta rikorrenti u kien baghat messagg lil Bernhard Shulte Shipmanagement, tal-bastiment, wissa' li l-karburant ma setghax jintuza ghaliex kien fih kontenut gholi hafna ta' ilma, u li kien gie nnotat ukoll livell gholi ta' kalcju. Qal li minn naha taghhom dawn ghaddew il-messagg lis-sidien tal-bastiment Ace Tankers, li fis-27 t'Ottubru 2011, kienu nformaw lil North Sea Group, li tat l-ordni lis-socjeta ntimata biex tforni l-bastiment, illi kienu qed izzommuhom responsabbli ghad-danni li setghu jirrizultaw mill-hruq tal-karburant. Qal li dan il-messagg kien

gie trasmess ukoll lis-socjeta ntimata, u hu kien ghaddieh lil Sarah Cassar fl-istess gurnata.

Spjega li kien gie miftiehem mas-socjeta rikorrenti li Inspectorate Malta taghmel analizi fuq il-kampjun numru 18486 mizmum mill-bastiment, u fuq il-kampjun numru 18487 mizmum mis-socjeta rikorrenti. Kompa li r-rizultat ta' dawn l-ezamijiet kien kontrodittorju peress illi l-kampjun tas-socjeta rikorrenti kien *on-spec* filwaqt li dak tal-bastiment kien *off-spec.* Xehed illi s-socjetajiet kontendenti kienu sussegwentement ftehmu illi jinhatt il-karburant minn fuq il-bastiment u tinghata provvista gdida ta' *on-spec bunker oil.* Spjega illi pero t-temp ma kienx jippermetti li din l-operazzjoni ssir immedjatament, izda fit-28 ta' Ottubru 2011 is-sidien tal-bastiment, Ace Tanks kien baghtu *email* lis-socjetajiet kontendenti illi d-dewmien kien inaccettabbli u li l-operazzjoni kellha ssir dakinhar stess, jew l-aktar tard, l-ghada. Qal illi pero, it-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2011 is-socjeta ntimata kienet giet avzata mis-socjeta ntimata illi kien mistenni li f'Malta ikun il-maltemp sal-Hamis, izda dakinhar stess kienu rcievew informazzjoni minghand is-sidien tal-bastiment illi l-bastiment kellu bilfors jithlaq minn Malta l-ghada filghaxija. Is-socjeta rikorrenti pproponiet illi l-bastiment imur fil-port li jmiss imbaghad jmur lura Malta biex issir l-operazjoni msemmija izda s-sidien qalu li dan ma kienx possibli. Kompla li ghalhekk is-socjeta rikorrenti kienet ipproponiet li thott il-karburant fil-port ta' Barcelona, Gibilta jew Las Palmas, u s-sidien kienu kkonfermaw li Barcelona kien accettabbli ghalihom. Zied illi s-socjeta rikorrenti kien talbiet illi CEPSA ma tigix involuta f'din l-operazjoni.

Xehed illi fit-30 ta' Novembru 2011, is-sidien kienu bghatu *email* lis-socjetajiet kontendenti illi l-bastiment kien qieghed f'West Africa, u kien ser jinghata struzzjonijiet sabiex jiprocedi lejn Gibilta, izda ma kienx cert jekk kienx ser jghaddi qrib Malta. Xehed illi s-socjeta ntimata baqghat ma rcevietx struzzjonijiet minghand is-socjeta rikorrenti u ghalhekk fit-2 ta' Dicembru 2011 kienet talbet konferma minghandha jekk jistghux jagixxu biex ihottu l-karburant, u s-socjeta rikorrenti kienet unilateralment irrevokat l-istruzzjoni precedenti taghhom biex ihottu l-bastiment f'port barra minn Malta. Spjega li f'dan l-istadju s-sidien ma setghux izommu karburant *off-spec* abbord ghal aktar zmien u ghalhekk in-North Sea Group kienet bghatet *email* lis-socjetajiet kontendenti u pproniet illi jew jinhatt il-karburant

go port li qieghed fit-triq lejn Gibilta jew skont id-disponibilita, l-bastiment jigi Malta ghall-hatt, bil-kondizzjoni illi s-socjeta rikorrenti tkopri l-ispejjez tal-karburanti ghall-vjagg lejn Malta u lura lejn Gibilita. Qal illi pero l-ebda wahda minn dawn il-proposti ma dehret accettabbli ghas-socjeta rikorrenti. Kompla li fis-6 ta' Dicembru 2011 is-sidien kienu informaw lis-socjetajiet kontendenti illi l-bastiment kien telaq minn Lome u ma kienx sejjer lejn Gibilita izda seta' jmur Las Palmas sabiex isir id-*debunkering* miftiehem. Qal illi pero s-socjeta rikorenti unilateralment hassret il-ftehim u nsistiet li dan isir f'Malta, xi haga li s-sidien tal-bastiment qalu li ma kienx possibbli bi pre-avviz daqshekk qasir (l-email email tad-9 ta' Dicembru 2011).

Spjega illi eventwalment is-socjeta rikorrenti prezentat zewg fatturi, wahda fir-rigward taz-zejt tal-gass marittimu li giet imhallsa mis-socjeta ntimata, u ohra fir-rigward tal-karburant *off-spec* li ma gietx imhallsa. Kompla li s-socjeta rikorrenti unilateralment offriet skont ta' 13% fuq il-fattura biex jirrifletti l-kontentut tal-ilma, izda din il-fattura ma gietx accettata mis-socjeta ntimata minhabba li l-prodott fornit ma kienx adegwat ghall-ghan u ma setghax jintuza mill-bastiment minghajr ma ssir hsara fil-magni tieghu. Xehed li dan ukoll kien ghaliex apparti l-presenza tal-ilma, kien hemm ukoll elementi ohra li ghamlu l-prodott kompletament different minn dak ordnat minnhom. Xehed illi s-socjeta ntimata ma kellha l-ebda kontroll fuq l-itinerarju tal-bastiment u ma kienetx f'posizzjoni li tordna l-bastiment sabiex jigi lura Malta kif mistenni mis-socjeta rikorrenti. Qal illi s-socjeta ntimata ghamlet dak kollu li setghat sabiex taghti opportunita lis-socjeta rikorrenti tiehu lura l-karburant supplit, izda fic-cirkostanzi eventwalment kellha tagixxi b'mod diligenti bil-ghan li jigu mminizzati d-danni u t-telf ghad-diversi partijiet involuti.

**Lorenzo Buffoni,** *bunker trader* fi hdan is-socjeta ntimata, xehed permezz ta' affidavit a fol 404 *et seqq* u kkonferma u kkorbora l-affidavit ta' Giampaolo Gargiulo. Xehed ukoll illi wara li s-socjeta rikorrenti marret lura mill-ftehim li kien gie konkluz bejn il-partijiet kollha, s-socjeta ntimata kienet irceviet struzzjonijiet minghand NSG Overseas Ltd u Ace Tankers CV biex jaghmlu arrangament ghad-*debunkering* tal-karburant *off-spec* li kien gie fornit mis-socjeta rikorrenti f'Gibilita u sabiex tissuplixxi lill-bastiment b'*bunkering* gdid. Qal illi ghalhekk kienu saru l-arrangament kif mitluba, sabiex is-socjeta ntimata tevita li ssir responsabbli ghad-

danni fir-rigward tal-istess kumpaniji msemmija. Ikkonferma illi s-socjeta ntimata ma rcevietx is-somma pretiza mis-socjeta rikorrenti minghand NSG Oveseas Ltd u lanqas minghand is-sidien jew operaturi tal-bastiment.

**Henk Turenhout,** Operations Manager fi hdan ACE-Tankers, xehed permezz tal-proceduri tal-ittri rogatorji a fol 426 *et seqq* illi ACE-Tankers kienet il-*commercial manager* tal-bastiment m/v Blue Rose, filwaqt illi l-kumpanija Bernard Schulten Ship Management kienet it-*technical manager* tal-istess bastiment. Xehed illi ACE-Tanks kienet ordnat il-*bunkers*, u ikkordinat mal-kaptan tal-bastiment sabiex isir il-forniment. Spjega illi ACE-Tanks ordnaw il-*bunkers* minghand il-kumpanija North Sea Group, li minn naha taghha ghamlet l-ordni mas-socjeta ntimata li mbaghad xtrat il-*bunkers* minghand is-socjeta rikorrenti. Xehed illi meta sar il-*bunkering* ittiehdu xi kampjuni biex jigu ezaminati, bhal ma hi l-prattika, u l-laboratorju kien irraporta illi l-kampjun ma kienx tal-kwalita pattwita partikolarment ghaliex kien fih persentagg gholi wisq ta' ilma. Qal illi wara hafna diskussjonijiet, l-partijiet kollha kienu ftehmu illi kellu jsir *de-bunkering* barra minn Malta xi zmien aktar tard peress illi dak iz-zmien it-temp ma kienx jippermetti illi jsir id-*de-bunkering.* Spjega li ghalhekk il-bastiment telaq lejn Barcelona u mbaghad mar West Africa, u kkonsidrat li r-rota kien ser tiehu l-bastiment lejn Las Palmas, il-partijiet koncernati kienu qablu li d-*de-bunkering* isir hemm. Kompla illi pero, s-socjeta rikorrenti ma ridietx taghmel din l-operazzjoni f'Las Palmas ghaliex riedet illi ssir Malta, izda ma kienetx disposta illi thallas l-ispejjez li jigu nkorsi biex il-bastiment jaghmel *detour* lejn Malta ghal dan il-ghan. Ghalhekk Ace-Tankers, NSG u s-socjeta ntimata kienu qablu illi d-*debunkering* isir f'Gibilita.

Rigward l-analisi tal-kampjun, ikkonferma illi r-rizultat tal-kampjun li kien fil-pussess tas-socjeta rikorrenti u dak li kien fil-pussess tas-socjeta ntimata kien konfliggenti. Zied illi pero kien gie analizzat kampjun iehor li kien fil-pussess tal-kaptan u r-rizultat kien konsistenti mar-rizultat tal-analizi tal-kampjun li kien fil-pussess tas-socjeta ntimata. Spjega illi r-rapport kien jindika xi ghoxrin punt li kienu juru li l-*bunkers* forniti ma kienux tal-kwalita pattwita, u r-rizultat kien jindika illi l-ilma li kien hemm fil-kampjun kien ilma bahar.

Ikkonferma li dawn il-*bunkers* ma kienux thallsu, u s-socjeta rikorrenti kienet thallset biss ghall-*gas oil*. Qal illi huwa ma kienx jaf li s-socjetajiet kontendenti kienu ftehmu li d-*de-bunkering* kellu jsir mis-socjeta rikorrenti, ghaliex ACE-Tankers kellha ftehim ma' NSG biss, u kien tramite NSG li saret taf li l-*bunkers* kienu gew *offloaded* f'Gibilita u li l-bastiment kien ser jircievi *bunkers igodda hemm.* Xehed illi Ace-Tankers ma hadet l-ebda azzjoni ghad-danni kontra s-socjeta ntimata ghaliex il-kwistjoni kienet giet rizolta billi kien sar *debunkering* u *bunkering* mill-gdid f'Gibilita. Xehed illi kienu soffrew danni wara, meta s-socjeta rikorrenti hadet azzjoni kontra l-bastiment.

Xehed ukoll permezz ta' **affidavit** a fol 532 *et seqq* illi fl-2011 il-bastiment intimat kien *chartered* minn Ace-Tankers CV minghand is-sid registrat tal-bastiment Pantera Marine Company and skont il-klawsola 7 tac-*charterparty* Ace-Tankers kienet responsabbli ghal *bunker management* tal-bastiment. Spjega illi fl-14 ta' Ottubru 2011 Ace-Tankers CV kienet innegozjat ma' NSG Overseas Limited li kellha tkun il-venditrici tal-*bunkers* li kellhom jigu forniti lill-bastiment. Kompla li wara l-incident Ace-Tankers CV skopriet illi il-forniment tal-*bunkers* ma kienx sar minn NSG Overseas Limited ghaliex din tal-ahhar kienet sempliciment ghamlet ordni ghall-istess *bunkers* mas-socjeta ntimata, u s-socjeta ntimata mbaghad ikkuntrattat mas-socjeta rikorrenti sabiex isir il-forniment tal-*bunkers* lill-bastiment intimat. Enfasizza illi Ace-Tankers ma kienetx taf b'dan, u kienet sar taf wara li inqalghat il-kwistjoni tal-*bunkers off-spec.*

Xehed illi ic-Chief Engineer tal-bastiment kien iffirma l-Bunker Delivery Note (BDN) bhala konferma tar-ricevuta tal-*bunkers* biss, li hija prattika komuni f'dan in-negozju. Qal illi pero din il-BDN m'hija xejn iktar hlief konferma li l-bastiment ircieva l-*bunker fuel*, ghaliex ic-Chief Engineer m'ghandux il-poter illi jorbot lil Ace-Tankers jew lill-bastiment f'xi forma ta' kuntratt. Qal illi nonostante l-fatt illi s-socjeta rikorrenti u Ace-Tankers m'ghandhom l-ebda relazzjoni kontrattwali, s-socjeta rikorrenti agixxiet ghall-arrest tal-bastiment intimat erba' darbiet, f'Koper, Piraeus, Agio Theoforoi u f'Malta. Qal illi f'Piraeus u f'Agio Theoforoi l-ordni ghall-arrest kien gie revokat mill-Qorti relattiva.

**In kontro-ezami** a fol 612 *et seqq* u mistoqsi sabiex jispjega ghalfejn fit-*time charterparty* tal-21 ta' Settembru 2011 ACE-Tankers CV hija rraprezentata minn ACE Tankers Management spjega illi dan huwa ghaliex ACE-Tankers hija *partnership* li skont il-ligi Olandiza ma tistghax tinzamm responsabbli u ghalhekk ikun hemm il-bzonn li tigi rapprezentata mill-ishab taghha. Qal li f'dan il-kaz, is-sieheb uniku ta' ACE-Tankers CV hija ACE-Tankers Management. Qal illi huwa sar jaf illi l-*bunkers* kienu qed jigu suppliti mis-socjeta rikorrenti fil-mument li gew forniti. Innega li f'dan il-mument ACE-Tankers CV dahlet f'relazzjoni kontrattwali tas-socjeta rikorrenti, u qal illi c-Chief Engineer iffirma l-BDN bhala konferma illi l-bastiment ircieva l-kwantita ta' *bunkers* pattwiti. Mistoqsi rigward it-*terms and conditions* tas-socjeta rikorrenti xehed illi huwa ma jafx b'dawn it-termini peress illi ACE-Tankers ma kienetx parti minn dan il-kuntratt. B'referenza ghad-dokument esebit a fol 549 ikkonferma illi l-firma fuq in-naha tax-xellug tad-dokument hija tieghu. Xehed illi sa fejn kien jaf hu, il-partijiet involuti, u cioe NSG u s-socjetajiet kontendenti kienu ftehmu illi l-operazzjoni ta' *debunkering* u *bunkering* mill-gdid issir f'Las Palmas.

**Panaite Fotache,** Chief Engineer abbord il-bastiment intimat f'Ottubru 2011, xehed permezz ta' affidavit a fol 585 *et seqq* illi qabel ma bdiet l-operazzjoni tal-*bunkering* kienu ttiehdu erba' kampjuni, tnejn mill-liema gew mghoddija lilu u t-tnejn l-ohra inzammew mill-*barge* li kien qed taghmel il-*bunkering.* Qal li ai termini tal-*policy* interna tal-kumpanija li taghha kien impjegat, u cioe Bernhatd Schulte Ship Management, kien ittiehed ukoll kampjun waqt li kien qed isir il-*bunkering* (*drip sample*). Xehed illi wara li dawn il-kampjuni gew analizzati kien instab illi l-*bunker fuel* kien *off-spec* ghaliex kellu kwantita gholja ta' ilma, *total sediments, ash content* u *high sodium content.*

Rigward il-BDN iffirmata minnu spjega illi din hija sempliciment ricevuta li l-bastiment ircieva l-*bunkers,* u dan kif rikjest skont Annex XI tal-MARPOL. Xehed illi hu iffirma l-BDN fil-kwalita tieghu bhala Chief Engineer, ghaliex kienet ir-responsabilita tieghu illi jittiehdu r-*readings* tal-ammont ta' *bunker fuel* fornit lill-bastiment. Xehed illi huwa m'ghandu l-ebda kapacita jew poter li jorbot lis-sid jew *charterer* tal-bastiment f'xi kuntratt, u peress illi m'huwiex il-kaptan, lanqas ma ghandu is-setgha li jorbot lill-bastiment.

**In kontro-ezami** a fol 641 *et seqq* xehed illi kien hu li kien baghat il-kampjuni ghand il-laboratorju sabiex jigu analizzati u kien gie informat li kienu *off-spec.* Xehed illi meta rcieva r-rizultat tal-ewwel analizi huwa kien informat lis-supretendent u lic-*charterer*, u kien mar *inspector* sabiex jiehu kampjuni direttament mit-tankijiet tal-bastiment li kienu ntbghatu ghand laboratorju f'Malta. Mistoqsi jekk kienx qara t-*terms and conditions* tas-socjeta rikorrenti wiegeb illi bhala Chief Engineer huwa m'ghandux access ghal din l-informazzjoni. Kjarifika illi meta huwa jiffirma l-BDN huwa jkun qed jiffirma ghal kwantita u mhux ghal kwalita tal-*bunkers*, peress illi dak il-hin ma jkollu l-ebda mod kif jaccerta ruhhu dwar il-kwalita taghhom. Mistoqsi lil min ikun qed jirraprezenta meta jiffirma l-BDN wiegeb illi ma jafx, u spjega illi jekk ikun hemm xi diskrepanza bejn il-kwantita indikata fuq il-BDN u dik atwalment ricevuta mill-bastiment, tinkiteb ittra ta' protesta minnu u mill-kaptan li tintbghat lic-*charterer* u lil kumpanija li timpjegah. Mistoqsi jekk hijiex prattika komuni li l-kaptan jiffirma l-BDN xehed illi l-prattika komuni hija li l-BDN tigi ffirmata mic-Chief Engineer peress illi huwa hu li jiehu hsieb l-ircevuti tal-*bunkers* mill-bastiment.

Mistoqsi jekk il-*bunkers* forniti mis-socjeta rikorrenti thaltux ma' karburanti ohrajn li diga kemm hemm abbord, spjega illi l-kampjun li baghat ghand il-laboratorju **kien hadu mill-*manifold* tal-*bunker* stess** u ghalhekk ma kien hemm l-ebda tahlit peress illi **ttiehed direttament mill-*barge*.** Mistoqsi jekk meta l-karburant gie supplit lill-bastiment jistghax ikun li kien hemm xi tahlit jew jekk kienx issegretat xehed illi fit-tankijiet tal-bastiment jista' jkun li jkun baqa' xi ftit karburant li ma jkunx jista' jigi *pumped* il-barra minnhom, u jkun jista' jitnehha biss manwalment, izda ma ftakarx jekk dan setghax li kien il-kaz. Mistoqsi jekk il-bastiment kellux xi forma ta' taghmir sabiex ikun jista' jitnehha l-ilma mill-*bunkers* wiegeb illi l-bastiment kellu tali taghmir li jippreprara l-karburant ghall-uzu. Spjega li filfatt id-diskrepanza probabilment giet mill-fatt illi min ghamel l-ispezzjoni m'ghamilx *draining* ghall-istess ammont ta' zmien. Ikkonferma li kien possibli ghall-bastiment li jnehhi l-ilma mill-*bunkers* hu stess, izda peress illi kien hemm persentagg gholi ta' ilma fil-*bunkers* in kwistjoni, ma kienx possibli li jintuza l-karburant peress illi kien ser jkun difficli hafna biex jitnehha, u kien hemm cans kbir li jikkawza problemi teknici fis-sistema. Zied li apparti minn hekk, il-kwantita kbir ta' *sodium* setghat tikkawza problemi teknici kbir b'konsegwenzi gravi.

**In re-ezami** a fol 648 *et seqq* kjarifika li hu kien ra r-rizulati tal-ewwel analizi li kienet saret, u ma kienx ra biss ir-rizultati tal-analizi li saret wara mill-laboratorju f'Malta.

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza parzjali rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-bastiment intimat, li permezz taghha eccepixxa illi l-Qrati Malta m'ghandhomx il-gurisdizzjoni mehtiega biex jiehdu konjizzjoni tal-azzjoni tas-socjeta rikorrenti kontra l-bastiment ghaliex ir-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 742D tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dawk imnisslin fid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta m'humiex sodisfatti peress illi l-persuna responsabbli *personam* versu s-socjeta rikorrenti m'huwiex is-sid jew is-sid beneficjarju jew in-nolegatur taht *bareboat charter* tal-bastiment kif jirrikjedi l-Artikolu 724D.

Il-bastiment kjamat in kawza jargumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni in rem kontra l-bastiment ghaliex ir-rekwiziti tal-Artikolu 724D tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta m'humiex sodisfatti, ghaliex il-kompratur fuq il-kuntratt ta' bejgh tal-*bunkers* hija s-socjeta ntimata, li m'hijiex is-sid, sid beneficcarju, jew *charterer* tal-bastiment, u lanqas ma kellha pusess ta' jew kontroll fuq l-istess bastiment, kif tirrikjedi l-ligi. Il-bastiment kjamat in kawza argumenta wkoll illi a kuntrarju ta' dak sottomess mis-socjeta rikorrenti, ic-Chief Engineer m'ghandux is-setgha li jorbot lill-bastiment jew lis-sid tieghu, u li fi kwalunwke kaz, skont il-gurisprudenza, il-*Bunker Delivery Notes* (BDN) isservi biss bhala prova tal-kwantita ta' konsenja u ma trendix il-bastiment partecipi fin-negozju bhala kontraent. Jargumenta illi skont il-principju *res inter alios acta* il-kuntratt iffirmat mis-socjetajiet kontendenti jorbot lilhom biss u ghaldaqstant il-kawza kontra il-bastiment hija guridikament improponibbli.

Minn naha taghha, s-socjeta rikorrenti argumentat fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi fiz-zmien meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni, u cioe meta saret il-provvista tal-*bunkers* in kwistjoni, il-bastiment intimat kien taht *time-charter* u c-

*charterer* kienet ACE-Tankers Management BV, li kienet ukoll ghada c-*charterer* meta l-bastiment intimat gie kjamat in kawza. Xehed illi inoltre pero hemm rabta cara bejn ACE-Tankers u l-kumpanija sid il-bastiment u cioe Pantera Marine Company peress illi mill-kopja tat-*time-charter* prezentata jirrizulta illi Hendricus Leonardus Turenhout deher in rapprezentanza ta' Pantera Marine Company. Targument illi tant hu hekk illi l-Bunkers Delivery Notes gew iffirmati f'isem Pantera Marine Company. Skont is-socjeta rikorrenti ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li ACE-Tankers kienet qed tixtri l-*bunkers* f'isem u/jew *on account* ta' Pantera Marine Company u dan jirradika l-gurisidizzjoni ta' din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 724D(a) independement mill-meritu ta' min ikkontratta mas-socjeta rikorrenti. Targumenta wkoll illi galadarba l-*bunkers* in kwistjoni gew suppliti ghal beneficcju tal-bastiment intimat, u galadarba l-BDNs jew iffirmati minn sid il-bastiment, mal-mument tal-konsenja inholqot relazzjoni kontrattwali bejn is-socjeta rikorrenti u l-bastiment intimat. Tghid illi dan johrog car ukoll mid-delivery notes skont liema kull konsenja hija soggetta ghat-termini u kondizzjonijiet general ta' bejgh tas-socjeta rikorrenti, u skont dawn it-termini u l-kondizzjonijiet is-sid u/jew il-*manager* tal-bastiment u l-bastiment stess huma responsabbli ghall-obligazzjoni tal-kompratur *jointly and severally*, u li din id-disposizzjoni tikkostitwixxi *pacta sunt servanda* bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi m'hemmx kontestazzjoni illi s-sid tal-bastiment kjamat in kawza hija l-kumpanija Pantera Marine Limited, li kienet innolegjat l-istess bastiment lil ACE-Tankers. Lanqas m'hu kontestat illi ACE-Tankers kienet ordnat il-fornitura ta' *bunkers* minghand North Sea Group, li minn naha taghha ordnat l-istess *bunkers* minghand is-socjeta ntimata Alpha Trading SpA. Di piu' mhux kontestat illi Alpha Trading SpA ordnat l-istess *bunkers* minghand is-socjeta rikorrenti, u parti minn dawn il-*bunkers* baqghu ma gewx imhallsin a kawza tal-kwistjoni dwar il-kwalita tal-*bunker fuel* konsenjat mis-socjeta rikorrenti.

Illi skont l-artikolu 742D (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***"Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ***

***volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra –***

***Dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-vapur***;"

A tenur tal-Artikolu fuq citat, il-Qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni in rem jekk il-'persuna rilevanti' meta nholqot il-kreditu ma kienetx is-sid, jew in-noleggatur, jew kellha kontroll jew fil-pusses taghha l-bastiment intimat.

F'kaz li l-'persuna rilevanti' ma tkunx wiehed indikat fil-kategoriji ta' persuni indikati mil-ligi, meta gie ffirmat l-kuntratt, allura l-ewwel rekwizit taht Artikolu 742D(a) ma jkunx sodisfatt u ghalhekk il-Qrati ma jkunux mghonija bil-gurisdizzjoni in rem.

Apparti minn dan ir-rekwizit, il-Ligi tirrikjedi ukoll illi fi zmien li tingieb l-azzjoni, l-istess 'persuna rilevanti' ghandha tkun is-sid, is-sid beneficarju u jew l-**bareboat charterer**.

Fil-kaz in ezami, l-'persuna rilevanti' ghall-kreditu in personam involut fix-xiri tal-*bunkers* minghand is-socjeta' rikorrenti hija s-socejta intimata **Alpha Trading SpA**. Dan hu rifless fid-dokumenti u t-testimonjanza tas-socjeta' rikorrenti:

a) L-ordni ghax-xiri tal-bunkers ta' Alpha Trading Spa lil Cassar Fuel Ltd datata 14 ta' Ottubru 2011 - vide **Dokument A a fol 62**;

b) Il-konferma tal-bejgh tal-istess bunkers mis-socejta' rikorrenti datata 14 ta' Ottubru 2011 - vide **Dokument B a fol 64** li tindika lil Alpha Trading Spa bhala xerrej.

Il-Qorti rat illi l-ordni ghall-*bunkers* in kwistjoni sar mis-socjeta ntimata lis-socjeta rikorrenti, kif del resto jidher kemm mid-dokumenti prezentati fil-kawza,[1] u kif ukoll jirrizulta mix-xhieda moghtija in kontro-ezami minn Sarah Cassar li kkonfermat li fi zmien meta gie ffinalizzat il-ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti, s-socjeta rikorrenti ma kellha l-ebda kuntatt ma' sid il-bastiment jew in-noleggatur tieghu.

Ghalhekk mill-provi jidher b'mod lampanti li s-socjeta Alpha Tradins SpA kienet ix-xerreja fil-kuntratt ta' bejgh ta' *Bunkers* mis-socjeta attrici Cassar Fuels Limited.

Il-Qorti rat ukoll illi skont il-klawsola 1.1. tat-Terms and Conditions tas-socjeta rikorrenti ghall-bejgh tal-*bunkers* tiddisponi espressament illi ***"The Company and the Buyer are the contracting parties in the sale of Marine Fuels."*** F'dan il-kaz m'huwiex disputat illi l-kompratrici kienet is-socjeta ntimata, u ghalhekk, skont it-termini espressi ta' dawn it-*Terms and Conditions,* il-kontraenti fil-komprovendita tal-*bunkers* in kwistjoni ma kienu hadd hlief iz-zewg socjetajiet kontendenti.

Il-Qorti rat pero illi skont il-klawsola numru 1.3 tal-istess Terms and Conditions:

> ***"The owner and/or manager/s of the vessel, and the vessel receiving delivery of Marine Fuels under these terms and conditions of sale, shall be likewise responsible for the performance of all of Buyer's obligations hereunder, jointly and severally with the Buyer. In consequence of the above, in any event in which the delivery of Marine Fuels by the Company is requested and contracted for by an agent or manager of the owner, or by the operator or charter of the vessel, then such agent, manager, operator or charter, as also the vessel concerned, shall be and be deemed for all intents and purposes of Law to be***

[1] Vide fol 5, fol 7, u fol 10.

> ***bound by and liable for all obligations detailed herein in toto as if the agent or manager of the owner, operator or charterer or the vessel were themselves the Buyer, jointly or severeally with the Buyer."***

Skont is-socjeta rikorrenti, fid-dawl tal-principju ta' *pacta sunt servanda*, din il-klawsola tfisser illi is-sid u n-noleggatur tal-bastiment, huma responsabbli ghall-hlas tal-*bunkers* in kwistjoni, u ghalhekk huma l-persuna relevanti ghall-finijiet tal-Artikolu 742D (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti pero ma tikkondividix ma' dan l-argument, u dana ghal diversi ragunijiet.

Jidher illi is-socjeta attrici qed tankra dan l-argument taghha fuq id-*Delivery Note* ffirmata mic-Chief Engineer tal-bastiment M/V Blue Rose.

Illi rigward il-*Bunker Delivery Note,* kif sottomess mill-bastiment kjamat in kawza, l-firma tac-Chief Engineer fuq il-*Bunker Delivery Note* (BDN) m'hija xejn hlief prova tal-konsenja, u ma tistghax titqies bhala prova illi l-bastiment jew sid tieghu huma kontraenti fi ftehim ta' bejgh u xiri mas-socjeta rikorrenti. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni f'dan is-sens u cioe' s-sentenza fl-ismijiet **Dr. Cedric Mifsud noe vs Il-Bastiment M.Y. Vicky** tas-6 ta' Marzu 2017, fejn din il-Qorti diversament presjeduta irrilevat illi:

> **"*Dwar id-delivery notes l-fatt li d-delivery notes gew iffirmati minn rapprezentanti tal-bastiment ma jrendix il-bastiment partecipi fin-negozjati bhala kontraenti. Id-delivery note fih innifsu huwa biss prova tal-konsenja*."**

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Cassar Fuel Limited vs Il-Bastiment bl-isem UNLU 5 li ghandu IMO numru 9334415** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Marzu 2018 intqal illi:

> ***"...*"delivery note" tigi iffirmata mal-konsenja tal-prodott ma jfissirx li dan awtomatikament irendi lill-bastiment in dizamina partecipi fin-negozju bhala wiehed mill-kontraenti;***
>
> ***Illi ghandu jkun pacifiku li "delivery note" fiha nnifisha hi biss prova tal-konsenja;***
>
> ***Illi kuntrarjament ghal dak li qed issosstni is-socjeta` rikorrenti, dan ma jfissirx li b'daqshekk inholqot relazzjoni guridika bejn il-partijiet f'din il-procedura;***
>
> ***Illi ghalhekk f'dan il-kaz tali firma tal-Kaptan tal-bastiment intimat tfisser biss li hu qieghed jaccetta li z-zejt de quo gie ikkonsenjat lilu;"***

Din il-Qorti tirrileva di piu' li, bhala principju ta' dritt, il-kuntratti jorbtu biss lil kontraenti taghhom, li skont il-kuntratt in ezami, huma Cassar Fuels Limited u Alpha Trading SpA. Dan il-principju ta' ***res inter alios acta*** huwa rifless fil-Kodici Civili, u cioe:

1. fl-artikolu 992 (1) li jipprovdi illi ***"Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom."*** U
2. fl-artikolu 1001 li jipprovdi illi ***"Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi."***

Illi ghalhekk, il-klawsola numru 1.3 tal-***Terms and Conditions of Sale*** li fuqha tistrieh is-socjeta rikorrenti sabiex tipprova tirradika l-gurisidizzjoni in rem fuq il-bastiment, ma tistghax tigi enforzata, ghax t-termini u kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-komprovendita tal-*bunkers,* ma jista jkollhom l-ebda effett fil-konfront ta' Pantera Marine Group, ACE-Tankers u l-bastiment innfisu, galadarba hadd minnhom m'huwa kontraent fuq l-istess kuntratt.

Espressament tipprovdi illi r-responsabbilita li qed tivvanta s-socjeta rikorrenti tigi minn "*...any event in which the delivery of Marine Fuels by the Company is requested and contracted for by an agent or manager of the owner, or by the operator or charter of the vessel...*" Huwa car pero illi f'dan il-kaz il-*bunkers* in kwistjoni ma gew rikjesti jew kontrattati minn agent jew *manager* ta' sid il-bastiment u lanqas mill-operatur jew noleggatur tal-bastiment. Ghalhekk fi kwalunkwe kaz, din il-klawsola xorta wahda m'hijiex bizzejjed sabiex tirradika l-gurisdizzjoni in rem ta' din il-Qorti fil-konfront tal-bastiment kjamat in kawza, ghaliex l-istess klawsola stess teskludi r-responsabbilita ta' dawk li skont il-ligi jistghu jkunu il-'persuni relevanti'.

Inoltre, l-fatt illi skont il-BDN il-konsenja kienet qed isir skont it-termini u l-kondizzjonijiet generali ta' bejgh tas-socjeta rikorrenti ma jfissirx illi l-bastiment sar responsabbli ghall-hlas tal-*bunkers* forniti kif tikkontendi s-socjeta rikorrenti. L-ewwel nett, kopja ta' dawn it-termini u l-kondizzjonijiet generali ma jidhirx li giet annessa mal-BDN u ffirmata ghan-nom tal-bastiment. Di piu' huwa evidenti li ebda persuna ma tista' tigi soggetta ghall-obbligi kontrattwali li ghalihom hija estranea. Inoltre, u fi kwalunkwe kaz, ma jidhirx illi c-Chief Engineer kien awtorizzat minn sid il-bastiment biex jorbot lis-sid jew lill-bastiment, u *ex lege*, l-unika persuna li tista' torbot lill-bastiment minghajr tali awtorizazzjoni, huwa l-kaptan f'cirkostanzi straordinarji, dettati mil-ligi fl-Artikolu 101 tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-bastiment kjamat in kawza, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tal-istess bastiment, u tordna l-prosegwiment tal-kawza biss fil-konfront tas-socjeta ntimata Alpha Trading Spa.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**